



Brussell, 6 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14627/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0226(NLE)**

**RECH 509
COMPET 777
ATO 102
CADREFIN 393**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14301/19	
Nru dok. Cion:	9871/18 RECH 275 COMPET 425 ATO 33 CADREFIN 82 IA 191 + ADD 1
Suġġett:	Programm Euratom li jikkumplementa Orizzont Ewropa: Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. - <i>Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni¹. Il-proposta hija parti mill-pakkett leġislattiv "Orizzont Ewropa".

¹ Dok. 9871/18 + ADD 1

2. Il-Programm Euratom propost ser isegwi l-attivitajiet ta' riċerka ewlenin tal-programm attwali (is-sikurezza nukleari, is-sigurtà, l-iskart radjuattiv u l-ġestjoni tal-fjuwil użat, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-enerġija mill-fużjoni), jespandi r-riċerka f'applikazzjonijiet mhux elettriċi tar-radjazzjoni jonizzanti, u jtejjeb l-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka. Barra minn hekk, il-programm għandu jappoġġa wkoll il-mobbilità tar-riċerkaturi fil-qasam nukleari fil-qafas tal-"Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie" (MSCA) ta' Orizzont Ewropa.
3. Il-Programm Euratom ser jikkumplementa Orizzont Ewropa billi juża l-istess strumenti u regoli għall-parteċipazzjoni. Ser jiġi implimentat għal ħames snin skont l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom, li għandu jiġi estiż fl-2025 b'sentejn sabiex jiġi allinjat mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Il-Programm jipprevedi pakkett finanzjarju ta' EUR 1,6 biljun fi prezzijiet attwali għall-perijodu 2021-2025.
4. Skont l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom, il-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità għandu jiġi adottat b'mod unanimu mill-Kunsill. L-opinjoni ta' istituzzjonijiet jew korpi oħra mhumiex mitluba. Madankollu, b'konformità mal-prattika fil-passat, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda fit-13 ta' Lulju 2018 li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Jannar 2019 u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2018.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

5. Il-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar ir-Riċerka u l-Kwistjonijiet Atomiċi beda jeżamina l-proposta taħt il-Presidenza Awstrijaka f'Diċembru 2018 bi preżentazzjoni mill-Kummissjoni u l-ħidma ġiet segwita mill-Presidenza Rumena u Finlandiża.
6. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta ġiet eżaminata fid-dettall fl-14 u t-28 ta' Frar u fl-14 ta' Marzu 2019, abbażi tal-lista ta' kontroll indikattiva żviluppata biex jiġu eżaminati l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni fil-Kunsill. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq kwistjonijiet li dwarhom id-delegazzjonijiet talbu aktar kjarifiki. Wara l-kjarifiki pprovduti mill-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma pproċeda bl-eżami tal-proposta.
7. Matul diskussjonijiet fil-fond fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza emendat diversi dispożizzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni biex jittieħed kont tat-talbiet tad-delegazzjonijiet. Fl-aħħar laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fit-12 ta' Novembru 2019, intlaħaq qbil wiesa' dwar il-maġġoranza tat-test ta' kompromess. Madankollu, kien hemm għadd ta' kwistjonijiet pendenti li għad iridu jiġu solvuti.
8. It-test ta' kompromess tal-Presidenza ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) fl-20 ta' Novembru 2019. Madankollu, għad hemm xi kwistjonijiet pendenti. Il-President ikkonkluda li l-proposta ta' kompromess ser tiġi ppreżentata lill-Kunsill (Kompetittività) biex jiġu riżolti l-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jintlaħaq Approċċ Ġenerali parzjali.
9. Il-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Novembru 2019 iddiskuta t-test ta' kompromess tal-Presidenza li jinsab fid-dokument 14301/19 u kellu l-għan li jsolvi l-kwistjonijiet pendenti li għad hemm. Madankollu, minħabba l-oppożizzjoni ta' żewġ delegazzjonijiet, il-Kunsill ma setax isolvi l-kwistjonijiet u ma ntlaħaqx l-Approċċ Ġenerali parzjali (jeħtieġ l-unanimità).

It-test ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsab wara l-laqgħa tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 jinsab fl-Anness għal din in-Nota.

10. Ir-Regolament propost huwa parti mill-pakkett ta' proposti marbut mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 u għalhekk huwa dipendenti fuq l-eżitu tan-negozjati orizzontali dwar il-QFP. Il-Kunsill ser jiddeċiedi rigward il-kwistjoni ta' prinċipju dwar jekk il-Programm Euratom għandux jinżamm bħala parti min-negozjati tal-QFP.

L-elementi fil-parentesi fit-test jirrikjedu t-tlestija tan-negozjati dwar il-QFP u aktar hídma biex il-Kunsill ikun jista' jadotta r-Regolament. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jinsabu f'parentesi kwadri.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI

11. Il-Presidenza qieset it-test ta' kompromess li jinsab fl-Anness għal din in-Nota bħala bażi soda biex jintlaħaq Approċċ Ġenerali parzjali fil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività li saret fid-29 ta' Novembru 2019. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri setgħu jaċċettaw it-test tal-Presidenza bħala kompromess iżda AT u LU żammew it-tħassib tagħhom dwar il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza u r-riżerva ġenerali tagħhom fir-rigward tat-test kollu kif ukoll ir-riżervi ta' skrutinju l-oħra tagħhom. Għalkemm DE għandha wkoll xi riżervi, hija indikat fil-Kunsill li kienet lesta tastjeni sabiex jintlaħaq Approċċ Ġenerali parzjali u f'dak il-każ, iżżid dikjarazzjoni għall-minuti. Ir-riżervi kollha mqajma mid-delegazzjonijiet dwar il-proposta msemija hawn fuq jidhru fin-noti f'qiegħ il-paġna tal-Anness għal din in-Nota.

Il-kwistjonijiet pendenti ewlenin huma kif ġej:

12. L-objettivi tal-programm u n-newtralità klimatika (l-Artikolu 3(1) u l-Premessa 2)

It-test ta' kompromess tal-Presidenza dwar dan l-Artikolu u l-Premessa korrispondenti tirrifletti l-isforzi kontinwi tal-Presidenza biex issib bilanċ bejn il-pożizzjonijiet differenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-kontribut potenzjali tar-riċerka nukleari u t-taħriġ għat-transizzjoni fit-tul lejn sistema ta' enerġija newtrali għall-klima. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1) issegwi mill-qrib il-formulazzjoni tar-Regolament Euratom attwali fis-seħħ u ta' dak preċedenti. Il-modifiki li saru fil-Premessa 2 jiċċaraw li l-kontribut potenzjali lejn in-newtralità klimatika huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-għażla bejn sorsi ta' enerġija differenti. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jistgħu jappoġġaw it-test bħala kompromess. AT u LU talbu t-tħassir tar-rabtiet kollha bejn ir-riċerka u t-taħriġ nukleari u n-newtralità klimatika u għandhom riżerva kemm fl-Artikolu 3(1) kif ukoll fil-Premessa 2. DE għandha riżerva dwar l-Artikolu 3(1) u l-Premessa 2 u waqt il-Kunsill Kompetittività tad-29 ta' Novembru 2019 pproponiet li l-Artikolu 3(1) jiġi emendat bl-introduzzjoni ta' "għal dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw l-enerġija nukleari" (u l-allinjament tal-Premessa 2 kif meħtieġ). Madankollu, DE indikat ukoll li sabiex jintlaħaq Approċċ Ġenerali parzjali u fl-ispirtu ta' kompromess, hija tkun tista' tastjeni jekk il-proposta tagħha ma tiġix aċċettata, filwaqt li żżid dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill.

Barra minn hekk:

13. AT u LU għandhom riżerva ta' skrutinju dwar il-Premessa 14 minħabba li għandhom tħassib dwar l-użu tal-fondi ta' InvestEU għal proġetti tal-Euratom. It-test ta' kompromess dwar il-Premessa 14 jiċċara li l-finanzjament ta' proġetti Euratom mill-InvestEU għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet dwar l-Anness V.B tar-Regolament ta' InvestEU.

14. AT u LU għandhom riżerva ta' skrutinju dwar il-Premessa 17 fir-rigward tar-rwol taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka peress li jixtiequ jneħħu "b'mod partikolari" mit-test ta' kompromess. It-test tal-Presidenza, ibbażat fuq il-kummenti li waslu mingħand l-Istati Membri, jipprevedi li l-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għandhom jiġu implimentati b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-utenti tal-JRC u tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari. Bl-istess mod, AT u LU għandhom ukoll riżerva ta' skrutinju dwar ir-rwol tal-JRC bħala l-Aġent ta' Implimentazzjoni tal-Euratom fil-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV, kif stabbilit fit-3 paragrafu tal-Anness I. Fit-test ta' kompromess, il-Presidenza kellha l-għan li tiċċara dan ir-rwol.
15. AT u LU iżommu riżerva ta' skrutinju dwar l-Artikolu 7 fir-rigward tas-Sħubijiet Ewropej peress li għandhom tħassib dwar sħubijiet fil-Euratom.
16. AT u LU għandhom riżerva ta' skrutinju dwar ir-raba' inċiż tal-paragrafu (a)(5) tal-Anness I peress li jixtiequ jħassru "appoġġ" mit-test. It-test ta' kompromess dwar din id-dispożizzjoni rigward l-oqsma ta' riċerka u t-taħriġ li ser ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-Euratom jinkludi l-qasam tas-sigurtà nukleari, is-salvagwardji u n-nonproliferazzjoni, li jinkludi r-riċerka u l-appoġġ għat-titjib tas-sikurezza u tas-sigurtà fil-kuntest tal-Qafas globali Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (CBRN). AT u LU talbu wkoll it-tħassir ta' "b'mod partikolari" mill-paragrafu (b)(2) tal-Anness I, dwar il-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-ġestjoni tal-ġharfien, it-tixrid u l-isfruttament tax-xjenza u t-teknoloġija nukleari. It-test tal-Presidenza jinkludi "b'mod partikolari għas-sikurezza, is-sigurtà, is-salvagwardji, u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari" biex jindirizza t-tħassib tal-Istati Membri.
17. Minkejja l-isforzi sinifikanti li saru biex jintlaħaq kompromess dwar din il-proposta, il-Presidenza hija konxja li hija meħtieġa aktar ħidma. Il-Presidenza beħsiebha tittrasmetti l-fajl lill-Presidenza li jmiss.

IV. KONKLUŻJONI

18. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma għalhekk mistiedna jieħdu nota tar-rapport ta' hawn fuq dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa.
-

2018/0226 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni¹

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Billi:

- (1) Wieħed mill-għanijiet tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Komunità") huwa li tikkontribwixxi għaż-żieda fl-istandard tal-għajxien fl-Istati Membri inkluż billi tippromwovi u tiffaċilita r-riċerka nukleari fl-Istati Membri u tikkumplementaha billi twettaq programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità.

¹ Riżerva ġenerali: AT, LU.

² Opinjoni ta' ... Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.

³ ĠU C ... Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.

- (2) Ir-riċerka nukleari tista' tikkontribwixxi għall-benesseri soċjali, il-prosperità ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali billi ttejjeb is-sikurezza u s-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari. Ir-riċerka dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni wasslet għal titjib fit-teknoloġiji mediċi li minnhom jibbenefikaw bosta ċittadini u dik ir-riċerka issa tista' twassal għal titjib f'setturi oħra bħall-industrija, l-agrikoltura, l-ambjent u s-sigurtà.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-għażla bejn sorsi differenti ta' enerġija, ir-riżultati tar-riċerka tal-programm stabbilit minn dan ir-Regolament jistgħu jikkontribwixxu wkoll lejn sistema ta' enerġija newtrali għall-klima b'mod effiċjenti, sigur u mingħajr periklu⁴.

- (3) Sabiex tkun żgurata l-kontinwità tar-riċerka nukleari fil-livell tal-Komunità, hemm bżonn li jiġi stabbilit il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025 (il-"Programm Euratom"). Il-Programm Euratom jenħteġ li jkompli jwettaq l-attivitajiet ta' riċerka ewlenin tal-programmi preċedenti, filwaqt li jintroduċi objettivi speċifiċi ġodda, u juża l-istess mod ta' implimentazzjoni.
- (4) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom għall-2014-18 (COM(2017) 697 final) fih sett ta' prinċipji gwida għall-Programm. Dawn jinkludu: li jkompli jappoġġa r-riċerka nukleari ffokata fuq is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, il-ġestjoni tal-iskart, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-iżvilupp tal-fużjoni; li jkompli jtejjeb, flimkien mal-benefiċjarji, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-Programmi Konġunti Ewropej fil-qasam nukleari; li jkompli u jsaħħaħ l-azzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Euratom sabiex jiġu żviluppati l-kompetenzi rilevanti li fuqhom huma msejsa l-aspetti kollha tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni; li jisfrutta aktar is-sinerġiji bejn il-programmi Euratom u l-oqsma tematiċi l-oħra tal-Programm Qafas tal-Unjoni; u li jisfrutta aktar is-sinerġiji bejn l-azzjonijiet diretti u indiretti tal-programm Euratom.

⁴ Riżerva: AT, DE, LU.

- (5) Il-Programm Euratom kien maħsub u mfassal fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita massa kritika ta' attivitajiet appoġġati. Din tinkiseb bl-istabbiliment ta' għadd limitat ta' objettivi speċifiċi ffukati fuq l-użu sikur tal-fissjoni nukleari għal applikazzjonijiet tal-enerġija u mhux tal-enerġija, iż-żamma u l-iżvilupp tal-għarfien espert meħtieġ, il-promozzjoni tal-enerġija mill-fużjoni u l-appoġġ tal-politika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha dwar is-sikurezza, is-salvagwardja u s-sigurtà nukleari.
- (5a) Il-Programm Euratom huwa parti kruċjali mill-isforzi tal-Unjoni biex tkompli tiżviluppa t-tmexxija teknoloġika u ttipromwovi l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni nukleari, b'mod partikolari billi jiżgura l-ogħla standards tas-sikurezza, tas-sigurtà, tas-salvagwardji, tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, tal-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar fil-qasam nukleari skont l-oġettivi tal-programm stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (6) Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, ir-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni qed tiġi implimentata skont il-Pjan Direzzjonali Ewropew dwar il-Fużjoni, li jiddeskrivi r-riċerka u l-iżviluppi meħtieġa biex tingħata l-bażi għal impjant tal-enerġija mill-fużjoni li jiġġenera l-elettriku, u skont [id-Deċiżjoni tal-Kunsill ITER]. Fuq żmien qasir għal dak medju, il-pass ewlieni huwa t-tlestija tal-bini u tal-operazzjoni inizjali tal-ITER u programm ta' riċerka vigoruż dwar il-fużjoni għandu jikkomplementa l-attivitajiet Ewropej dwar l-ITER sabiex ikunu appoġġati l-operazzjonijiet futuri tal-ITER u t-tħejjija tal-impjant dimostrattiv DEMO.
- (7) Permezz tal-appoġġ għar-riċerka nukleari, il-Programm Euratom jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi ta' Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ("Orizzont Ewropa") stabbilit mir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u jenħtieġ li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2030 u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

⁵ Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi l-PQ9 tal-UE - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 (ĠU [...]).

- (8) Jenħtieġ li l-Programm Euratom ifittex sinerġiji ma' Orizzont Ewropa u programmi oħra tal-Unjoni, mid-disinn u l-ippjanar strateġiku tagħhom, għall-għażla, il-ġestjoni, il-komunikazzjoni, id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-risultati tal-proġett, għall-monitoraġġ, l-awditjar u l-governanza.
- (9) L-azzjonijiet tal-Programm Euratom għandhom ikunu proporzjonati, mingħajr ma jiġu dduplikati jew esklużi l-finanzjamenti privati u jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Dan jiżgura konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Programm Euratom u r-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet mhux xierqa tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (9a) Filwaqt li hija l-għażla individwali ta' kull Stat Membru jekk għandux jagħmel użu mill-enerġija nukleari jew le, huwa rikonoxxut ukoll li l-enerġija nukleari taqdi rwoli differenti fi Stati Membri differenti. Il-programm Euratom ser jikkontribwixxi wkoll permezz tal-attivitajiet ta' riċerka tiegħu biex irawwem diskussjoni wiesgħa fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar l-opportunitajiet u r-riskji tal-enerġija nukleari.
- (9b) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ, jenħtieġ li l-Programm Euratom joffri appoġġ permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji sabiex ir-riċerkaturi fil-qasam nukleari jsiru eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) daqs riċerkaturi f'oqsma oħra.
- (10) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Programm Euratom li għandu jkun l-ammont ta' referenza primarja, fit-tifsira ta' [ir-referenza trid tiġi aġġornata kif xieraq skont il-ftehim interistituzzjonali ġdid: il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

- (11) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għall-Programm, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament. Huwa jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist, implimentazzjoni indiretta, assistenza finanzjarja, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji u jipprevedi kontrolli tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. [Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għaliex ir-rispett lejn l-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament tal-UE effettiv.]
- (12) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jilħqu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u jrendu riżultati, filwaqt li jqisu b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni min-nuqqas ta' konformità. Għall-għotjiet, dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u l-kostijiet ta' unità.
- (12a) Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni adegwata tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u tas-settur privat b'mod ġenerali. Jenħtieġ li jitwettqu valutazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi tal-parteċipazzjoni tal-SMEs bħala parti mill-arranġamenti tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

- (12b) L-attivitajiet żviluppati skont il-Programm Euratom jenħtieġ li jimmiraw lejn l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn is-sessi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-riċerka u l-innovazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Id-dimensjoni tal-ġeneru jenħtieġ li tiġi integrata fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni u implimentata fl-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka.
- (12ba) Bil-ġhan li tiġi approfondita r-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà u tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fix-xjenza, il-Programm Euratom jenħtieġ li jiffavorixxi involviment infurmat taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni billi jippromwovi l-edukazzjoni tax-xjenza, jagħmel l-għarfien xjentifiku aktar aċċessibbli, jiżviluppa aġendi ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli li jkopru t-tfassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, u jiffaċilita l-partekipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-Programm Euratom.
- (12c) Jenħtieġ li l-azzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm Euratom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (12d) Huwa importanti li jkompli jiġi ffaċilitat l-isfruttar tal-proprjetà intellettuali żviluppata mill-partekipanti waqt li jiġu protetti l-interessi leġittimi ta' partekipanti oħra u tal-Komunità f'konformità mat-Titolu II, Kapitolu 2 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom").
- (13) [...]

- (14) L-objettivi tal-Programm Euratom jistgħu wkoll jiġu indirizzati permezz ta' strumenti finanzjarji fil-Programm InvestEU, skont l-Anness V.B għar-Regolament InvestEU⁷.
- (15) Sabiex tiġi żgurata l-aktar implimentazzjoni effiċjenti possibbli u jinkiseb qafas koerenti, komprensiv u trasparenti għall-benefiċjarji, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fil-Programm Euratom u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka jkunu soġġetti għar-regoli rilevanti ta' Orizzont Ewropa b'ċerti adattamenti jew eċċezzjonijiet. Id-definizzjonijiet rilevanti u t-tipi ewlenin tal-azzjoni stipulati f'Orizzont Ewropa jenħtieġ li japplikaw għall-Programm Euratom.
- (16) Il-fond ta' garanzija tal-parteċipanti stabbilit skont Orizzont 2020 u ġestit mill-Kummissjoni ta' prova li huwa mekkaniżmu ta' salvagwardja importanti li jtaffi r-riskji assoċjati mal-ammonti dovuti u li ma jiġux rimborżati mill-parteċipanti inadempjenti. Għalhekk jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu ta' salvagwardja jkompli. Il-Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Reċiproka (il-"Mekkaniżmu") stabbilit skont Orizzont Ewropa jenħtieġ li jkopri l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament.
- (17) Jenħtieġ li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) jibqa' jipprovdi, kif xieraq, politiki lill-Unjoni u lill-Istati Membri, b'evidenza xjentifika indipendenti mmexxija mill-klijenti u b'appoġġ tekniku matul iċ-ċiklu ta' politika kollu. Jenħtieġ li l-azzjonijiet diretti tal-JRC jiġu implimentati f'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, waqt li jitqiesu l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC u l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari⁸ fil-qasam tas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, u jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-JRC jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali permezz ta' attivitajiet kompetittivi ta' appoġġ għall-politiki tal-Unjoni jew f'isem partijiet terzi⁹. Il-JRC jista' jipparteċipa f'azzjonijiet indiretti, fejn il-programm ta' ħidma rilevanti jipprevedi hekk.

⁷ Riżerva ta' skrutinju: [AT](#), [LU](#).

⁸ Riżerva ta' skrutinju: [AT](#), [LU](#).

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill, 26 ta' April 1994, 94/C126/01 dwar ir-rwol ta' Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC).

(18) F'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) 2018/1046¹⁰ (ir-"Regolament Finanzjarju") u (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95¹², (Euratom, KE) Nru 2185/96¹³ u (UE) 2017/1939¹⁴, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxi mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p.2).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE") jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵.

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(18a) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹⁶, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-Ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament biex id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa jingħataw lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-OLAF u lill-QEA biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.]

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-għieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

¹⁶ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

- (19) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont il-Programm Euratom, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.
- (20) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, jenħtieġ li dan il-Programm Euratom jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm Euratom fuq il-post.
- (21) Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (il-"JRC"), stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom¹⁸, ġie kkonsultat dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tal-azzjonijiet diretti tal-JRC.
- (22) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku tal-Euratom.
- (23) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, ir-Regolament (Euratom) Nru [...] jenħtieġ li jitħassar.

¹⁷ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

¹⁸ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom tal-10 ta' April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt (ĠU L 107, 30.4.1996, p. 12).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025 (il-"Programm Euratom") u r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'azzjonijiet indiretti skont dan il-Programm Euratom, li jikkomplementa Orizzont Ewropa.

Huwa jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm Euratom, il-baġit għall-perijodu 2021-2025, il-forom ta' finanzjament tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Komunità") u r-regoli għall-ġoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet rilevanti stipulati fir-Regolament (UE) Nru xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Orizzont Ewropa")¹⁹. Ir-referenzi f'dawk id-definizzjonijiet għall-Unjoni u l-Programm għandhom jinftehm u bħala referenzi għall-Komunità u l-Programm Euratom. Permezz ta' deroga, "programm ta' ħidma" tfisser id-dokument adottat mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm Euratom skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Ir-referenzi kollha f'dan ir-Regolament għar-Regolament (UE) Nru xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Orizzont Ewropa") huma għall-verżjoni fis-seħħ fi ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' Orizzont Ewropa].

¹⁹ Titolu sħiħ + referenza għall-ĠU

L-objettivi tal-programm

1. Bħala objettiv ġenerali, il-Programm Euratom għandu jwettaq attivitajiet ta' riċerka u taħriġ nukleari b'enfasi fuq it-titjib kontinwu tas-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari, kif ukoll li potenzjalment jikkontribwixxi għat-transizzjoni fit-tul lejn sistema tal-enerġija newtrali għall-klima b'mod effiċjenti, sigur u mingħajr periklu²⁰.
2. Il-Programm Euratom għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:
 - (a) itejjeb u jappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar, inkluż l-użu sigur u mingħajr periklu tal-enerġija nukleari u ta' applikazzjonijiet tar-radjazzjoni jonizzanti mhux għall-produzzjoni tal-enerġija;
 - (b) iżomm u jiżviluppa aktar l-għarfien espert u l-kompetenza fil-qasam nukleari fil-Komunità;
 - (c) irawwem l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni bħala sors ta' enerġija potenzjali għall-futur għall-produzzjoni tal-elettriku u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni;
 - (d) jappoġġa l-politika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha dwar it-titjib kontinwu tas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.
3. L-objettivi elenkati fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu implimentati skont l-Anness I. Dan jista', jekk debitament iġġustifikat, jinkludi rispons għal opportunitajiet, kriżijiet u theddid emerġenti.

²⁰ Riżerva: AT, DE, LU.

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Euratom għandu jkun ta' [EUR 1 675 000 000 fi prezzijiet attwali].
2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:
 - (e) EUR [724 563 000] għall-azzjonijiet indiretti fir-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni;
 - (f) EUR [330 930 000] għall-azzjonijiet indiretti fil-fissjoni nukleari, is-sikurezza u l-protezzjoni mir-radjazzjoni;
 - (g) EUR [619 507 000] għall-azzjonijiet diretti mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

[Il-Kummissjoni ma tistax tiddevja, fil-proċedura tal-baġit annwali, mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 2(c) ta' dan l-Artikolu.]

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll l-ispejjeż għat-tħejjija, il-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditu, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nfiq ieħor neċessarji għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, inkluż in-nefqa amministrattiva, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tiegħu. L-ispejjeż amministrattivi relatati mal-azzjonijiet indiretti ma għandhomx jaqbżu 6 % tal-ammont totali skont il-Programm Euratom. Barra minn hekk jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm Euratom, kif ukoll l-ispejjeż marbuta ma' networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm Euratom.

4. Fejn ikun meħtieġ u debitament iġġustifikat, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2025 sabiex ikopru l-ispejjeż previsti fil-paragrafu 3, sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux lesti sal-31 ta' Diċembru 2025.
5. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin fi ħlasijiet parzjali annwali.
6. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament Finanzjarju, in-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fl-ewwel programm ta' ħidma tista' tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021.
7. [Ir-riżorsi allokat li lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża u trasferibbli skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) XX [...Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni] jistgħu, fuq talba tagħhom, jiġi trasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Fejn possibbli, dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.]

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

1. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-assoċjazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin:
 - (a) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u b'deċizzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew ftehimiet simili, u f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-ftehimiet bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi;
 - (b) pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u deċizzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew ftehimiet simili, u f'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-ftehimiet bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi;
 - (c) pajjiżi terzi u territorji li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:
 - kapacià tajba fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni;
 - impenn lejn ekonomija orjentata lejn is-suq ibbażata fuq ir-regoli, inkluż trattament ġust u ekwu fid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, appoġġat minn istituzzjonijiet demokratiċi;
 - promozzjoni attiva tal-politiki sabiex tittejjeb il-benesseri ekonomika u soċjali taċ-ċittadini.

L-assoċjazzjoni mal-Programm ta' kull pajjiż terz fil-punt (c) għandha tkun skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe Programm tal-Komunità jew tal-Unjoni, sakemm dak il-ftehim:

- jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-Programm;
- jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Programm u l-ispejjeż amministrattivi tiegħu. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju;
- ma jagħtux lill-pajjiż terz setgħa ta' deċiżjoni dwar il-Programm;
- jiggarrantixxu d-drittijiet tal-Unjoni sabiex tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz fil-Programm għandha tqis l-oġettiv li tmexxi t-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni 'l quddiem permezz tal-innovazzjoni. Għaldaqstant, għal pajjiż speċifiku, bl-eċċezzjoni tal-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali, partijiet tal-Programm jistgħu jiġu esklużi minn ftehim ta' assoċjazzjoni.
3. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni għandu, fejn xieraq, jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni fi programmi ekwivalenti tal-pajjiżi assoċjati skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fih.
4. Il-kondizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika ta' kwalunkwe żbilanċ sinifikanti meta mqabbel mal-ammont li l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat jirċievu permezz tal-parteċipazzjoni fil-Programm, b'kont meħud tal-ispejjeż fil-ġestjoni, l-eżekuzzjoni u l-operat tal-Programm.]

Implimentazzjoni u forum ta' finanzjament

1. Il-Programm Euratom għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju jew permezz ta' ġestjoni indiretta ma' korpi ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-Programm Euratom jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe forma minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet li għandhom ikunu l-forma ewlenija ta' appoġġ għall-azzjonijiet indiretti fil-programm. Jista' wkoll jipprovdi finanzjament permezz ta' premjijiet, akkwist u strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit.
3. It-tipi ewlenin ta' azzjoni li għandhom jintużaw skont il-Programm Euratom huma stabbiliti u definiti fl-Artikolu 2 ta' Orizzont Ewropa, bħall-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, l-azzjonijiet ta' innovazzjoni, l-azzjonijiet ta' innovazzjoni u tqegħid fis-suq, l-azzjonijiet ta' taħriġ u mobbiltà, l-azzjonijiet ta' kofinanzjament tal-programm, l-azzjonijiet ta' akkwist prekummerċjali, l-azzjonijiet ta' akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ, il-premjijiet ta' inċentiv u l-premjijiet ta' rikonoxximent.

Il-forom ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jintużaw b'mod flessibbli fl-oġettivi kollha tal-Programm Euratom bl-użu tagħhom jiġi ddeterminat abbażi tal-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tal-oġettivi partikolari.
4. Il-Programm Euratom għandu jappoġġa wkoll azzjonijiet diretti mwettqa mill-JRC.

Sħubijiet Ewropej²¹

1. Partijiet mill-Programm Euratom jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Ewropej.
2. L-involvement tal-Komunità fis-Sħubijiet Ewropej jista' jieħu kwalunkwe forma minn dawn li ġejjin:
 - (a) parteċipazzjoni fi sħubijiet stabbiliti abbażi ta' memoranda ta' qbil u/jew arranġamenti kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u sħab pubbliċi jew privati li jispeċifikaw l-oġettivi tas-sħubija, l-impenji relatati tan-naħat kollha involuti għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji u/jew in natura tas-sħab, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-impatt, ir-riżultati li għandhom jitwettqu u l-mod ta' kif għandhom isiru r-rapporti. Dawn jinkludu l-identifikazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni komplimentari li huma implimentati mis-sħab u mill-Programm Euratom (Sħubijiet Ewropej koprogrammati);
 - (b) parteċipazzjoni fi programm ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, u l-kontribuzzjoni finanzjarja għalih, li tispeċifika l-oġettivi, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-impatt, u r-riżultati li mistennija jitwettqu, abbażi tal-impenn tas-sħab għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji u/jew in natura u l-integrazzjoni tal-attivitajiet rilevanti tagħhom permezz tal-użu ta' azzjoni tal-Programm Euratom ta' kofinanzjament (Sħubijiet Ewropej kofinanzjati).
3. Is-Shubijiet Ewropej għandhom:
 - (a) Jiġu stabbiliti f'każijiet fejn iwettqu l-oġettivi tal-Programm Euratom b'mod aktar effettiv milli l-Komunità waħedha u meta mqabbla ma' forom oħra ta' appoġġ tal-Programm Euratom. Dawk il-partijiet għandu jkollhom sehem xieraq mill-baġit tal-Programm Euratom.

²¹ Riżerva ta' skrutinju: AT, LU.

- (b) Jaderixxu mal-prinċipji tal-valur miżjud tal-Unjoni, it-trasparenza, il-ftuħ, l-impatt fl-Ewropa u għaliha, l-effett ta' ingranaġġ qawwi fuq skala suffiċjenti, l-impenn finanzjarju fit-tul tal-partijiet kollha involuti, il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni, il-koerenza, il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà mal-inizjattivi tal-Unjoni u dawk lokali, reġjonali u nazzjonali u, fejn rilevanti, ma' inizjattivi internazzjonali u sħubijiet oħra.
 - (c) Ikollhom approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja, ikunu limitati fiż-żmien u jinkludu l-kondizzjonijiet għat-tneħħija gradwali tal-finanzjament tal-Programm Euratom.
4. Id-dispożizzjonijiet u l-kriterji għall-għażla, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-tneħħija gradwali tagħhom huma stabbiliti fl-Anness III ta' Orizzont Ewropa.

Artikolu 8

Xjenza Miftuħa

Id-dispożizzjonijiet dwar x-xjenza miftuħa stipulati f'Orizzont Ewropa għandhom japplikaw għall-Programm Euratom.

Artikolu 9

Azzjonijiet tal-eliġibbiltà u regoli għall-parteeċipazzjoni u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka

1. Huma biss l-azzjonijiet li jimplimentaw l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3 li huma eliġibbli għall-finanzjament.
2. Soġġett għat-tielet u għar-raba' paragrafi ta' dan l-Artikolu, it-Titolu II dwar ir-regoli għall-parteeċipazzjoni u d-disseminazzjoni ta' Orizzont Ewropa għandu japplika għal azzjonijiet appoġġati skont il-Programm Euratom. Ir-referenzi li hemm fih għall-Unjoni u għall-Programm għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-Komunità u l-Programm Euratom, fejn xieraq. Ir-referenzi li hemm fih għar-"regoli tas-sigurtà" għandhom jinkludu l-interessi tad-difiża tal-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 24 tat-Trattat Euratom.
3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(4) ta' Orizzont Ewropa, id-dritt għal oġġezzjoni jista' jiġi estiż għal għotjiet ta' liċenzji mhux esklużivi.

4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 37(5) ta' Orizzont Ewropa, benefiċjarju li jkun irċieva finanzjament tal-Komunità għandu jagħti aċċess għar-riżultati tiegħu lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-korpi ta' finanzjament jew l-impriża konġunta Fużjoni għall-Enerġija għall-iskop tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-programmi tal-Komunità jew l-obbligi skont il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Drittijiet ta' aċċess bħal dawn għandhom jinkludu d-dritt biex partijiet terzi jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati fl-akkwist pubbliku u d-dritt ta' sottoliċenzjar u għandhom ikunu limitati għal użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv u għandhom jingħataw fuq bażi ta' mingħajr royalty.
5. Il-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka stabbilit skont Orizzont Ewropa għandu jkopri r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' rkupru tas-somom dovuti mill-benefiċjarji lill-Kummissjoni jew lill-korpi ta' finanzjament skont dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Finanzjament kumulattiv, komplimentarju u kkombinat

1. Il-programm Euratom għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni.
- 1a. Sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Programm Euratom u jiġu indirizzati l-isfidi komuni għall-Programm Euratom u għal Orizzont Ewropa, l-attivitajiet li jolqtu aktar minn oġettiv wieħed minn fost dawk stabbiliti fil-Programm Euratom jew dawk li jimplimentaw Orizzont Ewropa, jew it-tnejn, jistgħu jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità. B'mod partikolari, il-Programm Euratom jista' jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) sabiex jappoġġa attivitajiet rilevanti għar-riċerka nukleari.

- [2. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm tal-Unjoni ieħor tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni skont il-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess spejjeż. Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni li jikkontribwixxi għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata skont id-dokumenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.
3. Azzjonijiet li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet kumulattivi u komparattivi li ġejjin:
- (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti taħt il-Programm;
 - (b) ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' din is-sejħa għal proposti;
 - (c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-qafas ta' dik is-sejħa għal proposti minħabba limitazzjonijiet baġitarji,

jistgħu jirċievu appoġġ mill-[Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew+ jew il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, b'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) XX [L-iffinanzjar, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni]], sakemm dawn l-azzjonijiet ikunu konsistenti mal-oġettivi tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jipprovdi l-appoġġ.]

KAPITOLU II

PROGRAMMAZZJONI, MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 11

Programmi ta' ħidma

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 16(4), il-programmi ta' ħidma msemijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.
2. Minbarra r-rekwiżiti fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, il-programmi ta' ħidma għandhom, kif xieraq, jinkludu dawn li ġejjin:
 - (a) indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni;
 - (b) għall-għotjiet, il-prijoritajiet, il-kriterji tal-għażla u tal-għotja u l-piż relattiv tal-kriterji differenti tal-għotja u r-rata massima ta' finanzjament tal-kostijiet totali eliġibbli;
 - (c) kwalunkwe obbligu addizzjonali għall-benefiċjarji, f'konformità mal-Artikoli 35 u 37 ta' Orizzont Ewropa;
 - (d) approċċ pluriennali u orjentazzjonijiet strateġiċi għas-snin ta' implimentazzjoni li ġejjin.
3. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm ta' ħidma pluriennali fuq azzjonijiet diretti mwettqa mill-JRC skont id-Deċiżjoni 96/282/Euratom.

Monitoraġġ u rapportar

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod kontinwu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom. Sabiex tiżdied it-trasparenza, din id-data għandha ssir disponibbli għall-pubbliku wkoll b'mod aċċessibbli fuq il-paġna web tal-Kummissjoni skont l-aħħar aġġornament.

Din għandha tinkludi indikaturi marbutin b'limitu ta' żmien biex isir rapportar fuq bażi annwali dwar il-progress tal-Programm Euratom lejn il-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u stipulati fl-Anness II fil-mogħdijiet ta' impatt.
2. Sabiex tkun żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż permezz ta' emendi fl-Anness II biex tirrevedi u tikkomplementa l-indikaturi tal-mogħdijiet ta' impatt fejn hemm bżonn u tistabbilixxi l-linji bażi u l-miri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva skont l-Artikolu 16(3).
3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-Komunità u, fejn rilevanti l-Istati Membri.

Informazzjoni, komunikazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni u sfruttament

1. Dawk li jirċievu l-finanzjament tal-Programm Euratom għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Komunità (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-risultati tagħhom, inkluż għall-premji) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż lill-media u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm Euratom, u mal-azzjonijiet u r-risultati tiegħu. Barra minn hekk, għandha tippovdi informazzjoni dettaljata u f'waqtha lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji. Għandhom jiġu pprovduti servizzi ta' tlaqqiġ ibbażati fuq l-evidenza mnebbħa mill-analitika u affinitajiet tan-netwerks lill-entitajiet interessati sabiex jgħaqqdu konsorzji għal proġetti kollaborattivi, b'attenzjoni partikolari għall-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' networking għal entitajiet legali minn Stati Membri bi prestazzjoni fqira fir-R&I. Fuq il-bażi ta' analiżi bħal din, jistgħu jiġu organizzati avvenimenti mmirati ta' tlaqqiġ li jservu ta' sejħiet speċifiċi għall-proposti. Ir-riżorsi finanzjarji allokat għall-Programm Euratom għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Komunità, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.
3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll strateġija ta' disseminazzjoni u sfruttament biex iżżid id-disponibbiltà u d-diffużjoni tar-risultati u l-għarfien tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Programm Euratom biex taċċellera l-isfruttament lejn l-użu mis-suq u tagħti spinta lill-impatt tal-Programm Euratom. Ir-riżorsi finanzjarji allokat għall-Programm Euratom għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Komunità kif ukoll għall-attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni, pubbliċità, tixrid u sfruttar sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu fil-ħin sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm, is-suċċessur tiegħu u inizjattivi oħrajn rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni.
2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm Euratom għandha, bl-assistenza ta' esperti indipendenti magħżulin fuq il-bażi ta' proċess trasparenti, titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, iżda mhux aktar tard minn tliet snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul ta' Programmi ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom preċedenti u għandha tiffirma l-bażi għall-aġġustament tal-implimentazzjoni tal-programm u/jew ir-reviżjoni tal-programm, kif xieraq. Għandha tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Komunitarju tal-Programm Euratom.
3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara tmiem il-perijodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm Euratom mill-Kummissjoni. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-Programmi ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom preċedenti.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 15

Awditi

1. Is-sistema ta' kontroll għall-Programm Euratom għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħrajn tal-kontrolli fil-livelli kollha, speċjalment għall-benefiċjarji. Ir-regoli tal-awditjar għandhom ikunu ċari, konsistenti u koerenti tul il-Programm Euratom.
2. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament konġunt minn programmi differenti tal-Unjoni għandhom jiġu awditjati darba biss, u jkopru l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.
3. Il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament jistgħu joqgħodu fuq reviżjonijiet kombinati tas-sistemi fil-livell tal-benefiċjarju. Dawk ir-reviżjonijiet kombinati għandhom ikunu fakultattivi għal ċerti tipi ta' benefiċjarji u għandhom jikkonsistu f'awditu tas-sistemi u tal-proċess, ikkomplementat minn awditu tat-tranżazzjonijiet, imwettaq minn awditur indipendenti kompetenti kwalifikat sabiex iwettaq awditi statutorji tad-dokumenti kontabilistiċi f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni jew minn korp ta' finanzjament sabiex jiddeterminaw l-assigurazzjoni ġenerali dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba tan-nefqa u għall-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-livell tal-awditi u ċ-ċertifikati ex post dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji.
4. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament jistgħu joqogħdu fuq l-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjonijiet tal-Komunità mwettqa minn persuni jew entitajiet indipendenti u kompetenti oħra, inkluż minn oħrajn għajr dawk b'mandat mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni.
5. L-awditi jistgħu jitwettqu sa sentejn wara l-pagament tal-bilanċ.
- 5a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida dwar l-awditjar, bil-għan li tiżgura applikazzjoni u interpretazzjoni affidabbli u uniformi tal-proċeduri u r-regoli tal-awditjar matul il-perijodu kollu tal-programm.

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Il-Kumitat għandu jiltaqa' f'żewġ konfigurazzjonijiet differenti, li jittrattaw rispettivament aspetti relatati mal-fissjoni u aspetti relatati mal-fużjoni tal-Programm Euratom.

Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm, għal kull laqgħa tal-Kumitat tal-Programm Euratom kif definit fl-aġenda, il-Kummissjoni ser tirrimborża, f'konformità mal-linji gwida stabbiliti tagħha, l-ispejjeż ta' rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, kif ukoll għal espert/konsulent wieħed għal kull Stat Membru għal dawk il-punti tal-aġenda fejn Stat Membru jeħtieġ għarfien espert speċifiku.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
5. Fejn l-opinjoni tal-Kumitat tkun trid tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi terminata mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, jiġi deċiż hekk mill-president tal-Kumitat, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat titlob hekk.
6. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Kumitat dwar il-progress ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Programm Euratom u għandha tipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar l-azzjonijiet kollha proposti jew iffinanzjati taħt il-Programm Euratom.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fejn pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm permezz ta' deċiżjoni skont ftehim internazzjonali jew permezz ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-QEA jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jitwettqu investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.]

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 18

Tħassir

Regolament [*Nru: ...li jistabbilixxi l-Programm Euratom 2019-2020*] huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, skont ir-Regolament [*il-Programm Euratom 2019-2020*], li għandu jkompli japplika għal dawk l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
2. Fejn ikun meħtieġ, kwalunkwe kompitu li jifdal tal-Kumitat stabbilit permezz tar-Regolament [*il-Programm Euratom 2019-2020*] għandu jitwettaq mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16.
3. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm Euratom jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-transizzjoni bejn il-Programm Euratom u l-miżuri adottati fil-qafas tal-predeċessur tiegħu, [*il-Programm Euratom 2019-2020*].
4. [Il-fondi minn operazzjonijiet preċedenti minn strumenti finanzjarji stabbiliti permezz tar-Regolament [*il-Programm Euratom 2019-2020*] jistgħu jiġu investiti fil-programm InvestEU stabbilit permezz tar-Regolament XX²²].

22

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

L-oġġettivi speċifiċi elenkati skont l-Artikolu 3(2) għandhom jiġu eżerċitati fil-Programm Euratom kollu, f'konformità mal-linji wiesgħa tal-attività deskritta f'dan l-anness. Billi jimplimenta dawn l-oġġettivi speċifiċi, il-Programm Euratom jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Euratom²⁴ u jirrinforza l-isforzi tar-riċerka tagħhom u dawk tas-settur privat. Dawn għandhom jagħtu kontribut biex tinżamm u tkompli tiġi żviluppata l-pożizzjoni ta' tmexxija teknoloġika fil-qasam nukleari.

Sabiex jikseb l-oġġettivi speċifiċi, il-Programm Euratom ser jappoġġa attivitajiet trasversali li jiżguraw sinerġija bejn l-isforzi tar-riċerka biex jissolvew sfidi komuni. Ir-rabtiet u l-interfaċċi xierqa, b'has-sejġhiet konġunti, ser jiġu żgurati ma' Orizzont Ewropa. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ finanzjarju mogħti mill-Fondi skont ir-Regolament [Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] sa fejn ikun konformi mal-oġġettivi u r-regolamenti ta' dawn il-Fondi.

²⁴ B'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari kif emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014; id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv; id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit; id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom, id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat- 22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2016/52 tal-15 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika.

L-attivitajiet elenkati f'dan l-Anness jinkludu kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni nukleari għal użi paċifiċi, ibbażati fuq miri kondiviżi u fiduċja reċiproka bil-għan li jiġu pprovduti benefiċċji ċari u sinifikanti għall-Unjoni, iċ-ċittadini tagħha u l-ambjent. Dan jinkludi kooperazzjoni Internazzjonali permezz ta' oqfsa multilaterali. Il-JRC bħala l-Aġent Implimentattiv tal-Euratom għall-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV (GIF)²⁵ ser ikompli jiffaċilita u jikkkoordina l-kontribuzzjoni u s-sehem tal-Komunità Euratom fl-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ tal-GIF. Il-kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-GIF fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm Euratom hija ffukata fuq is-sikurezza, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, is-salvagwardji u l-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ dwar in-nonproliferazzjoni speċifiċi għal sistemi tal-Ġenerazzjoni IV²⁶.

Kwalunkwe attività ġdida assenjata liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għandha tiġi analizzata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC biex tiġi vverifikata l-konsistenza tagħha ma' attivitajiet eżistenti fl-Istati Membri u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp nukleari fl-Unjoni.

Il-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi ta' kontributi minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u partijiet ikkonċernati fir-riċerka nukleari miġbura f'korpi jew oqfsa bħall-pjattaformi, l-assoċjazzjonijiet, l-inizjattivi u l-forums tekniċi Ewropej tat-teknoloġija għas-sistemi u s-sikurezza nukleari, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-fjuwil nukleari użat u l-protezzjoni mir-radjazzjoni/riskju ta' doża baxxa, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, ir-riċerka dwar il-fużjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni jew forum rilevanti ta' partijiet ikkonċernati fil-qasam nukleari.

²⁵ Skont l-Artikolu III.2 tal-Ftehim Qafas għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi ta' enerġija nukleari tal-Ġenerazzjoni IV.

²⁶ Riżerva ta' skrutinju: [AT](#), [LU](#).

Ir-riċerka u t-taħriġ fl-oqsma li ġejjin ser ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Programm Euratom:

(a) itejjeb u jappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà, u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar, inkluż l-użu sigur u mingħajr periklu tal-enerġija nukleari u ta' applikazzjonijiet tar-radjazzjoni jonizzanti mhux għall-produzzjoni tal-enerġija²⁷

- (1) **Sikurezza nukleari:** sikurezza tas-sistemi tar-reatturi u ċ-ċikli tal-fjuwil, fl-użu fil-Komunità jew, sa fejn hu meħtieġ, sabiex jinżamm għarfien espert wiesa' dwar is-sikurezza nukleari fil-Komunità, dawk it-tipi ta' reatturi u ċ-ċikli tal-fjuwil sħaħ tagħhom bħas-separazzjoni u t-trażmutazzjoni, li jistgħu jintużaw fil-ġejjieni.
- (2) **Ġestjoni sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv:** ġestjoni u b'mod partikolari attivitajiet ta' qabel ir-rimi u r-rimi ta' skart radjuattiv u fjuwil nukleari użat intermedju, ta' livell għoli u b'ħajja twila, u ta' flussi u tipi ta' skart radjuattiv ieħor li għalissa għadhom ma jeżistux proċessi ta' maturazzjoni industrijali għalihom jew li dawn jistgħu jittejbu; Il-minimizzazzjoni tal-iskart radjuattiv u t-tnaqqis tar-radjutossiċità ta' dan l-iskart; Ġestjoni u trasferiment tal-għarfien u tal-kompetenzi bejn il-ġenerazzjonijiet u minn programm għal ieħor tal-Istati Membri fil-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat.
- (3) **Dekummissjonar:** riċerka għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni tat-teknoloġiji għad-dekummissjonar u r-rimedju ambjentali tal-faċilitajiet nukleari; appoġġ għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tal-għarfien dwar id-dekummissjonar.

²⁷ Minbarra s-sigurtà, is-salvagwardji u n-nonproliferazzjoni nukleari, dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu implimentati permezz ta' azzjonijiet diretti u indiretti.

(4) Applikazzjonijiet tax-xjenza nukleari u tar-radjazzjoni jonizzanti, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, it-tħejjija għal emerġenza:

- L-applikazzjonijiet tax-xjenza nukleari u tat-teknoloġiji tar-radjazzjoni jonizzanti fl-oqsma mediċi, industrijali u tar-riċerka.
- Effetti u riskji minn dożi baxxi mill-esponiment industrijali, mediku jew ambjentali.
- Il-livell ta' tħejjija għal emerġenza għal inċidenti li jinvolvu r-radjazzjoni, u r-riċerka dwar ir-radjuekoloġija.
- Provvista u użu sigur u sikur ta' radjuisotopi.
- Ir-riċerka dwar il-mudelli għad-dispersjoni radjoloġika fl-ambjent, u l-appoġġ għall-iskambju tad-data, is-sistemi tal-allert u l-kooperazzjoni fuq it-tekniki tal-kejl²⁸ (li għandhom jiġu implimentati permezz ta' azzjonijiet diretti).

²⁸ Artikoli 35, 36, 38 Euratom; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom.

(5) **Sigurtà, salvagwardji u nonproliferazzjoni nukleari** (li għandhom jiġu implimentati permezz ta' azzjonijiet diretti):

- Metodi u teknoloġija biex jappoġġaw u jsaħħu s-salvagwardji tal-Komunità u dawk internazzjonali.
- Appoġġ u taħriġ operazzjonali għas-sistema ta' salvagwardja tal-Euratom.
- Appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni fil-qasam tas-salvagwardji nukleari inkluż appoġġ għat-tisħiħ tar-reġim ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE.
- Riċerka u appoġġ għat-tisħiħ tas-sikurezza u s-sigurtà fil-kuntest tal-qafas globali CBRN (Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku, Nukleari) u strateġiji relatati tal-Unjoni²⁹.
- Metodi u teknoloġija għad-detezzjoni ta' materjali nukleari u radjuattivi barra mill-kontroll regolatorju u l-prevenzjoni u r-rispons għal inċidenti li jinvolvu tali materjali inkluż forensika nukleari.
- Appoġġ għall-bini tal-kapaċità dwar is-sigurtà nukleari permezz tal-użu taċ-Ċentru Ewropew ta' Taħriġ dwar is-Sigurtà Nukleari.

²⁹ Riżerva ta' skrutinju: AT, LU.

(b) Jinżamm u jitkompla l-iżvilupp ta' għarfien expert u kompetenza fil-qasam nukleari fil-Komunità

- (1) Edukazzjoni, taħriġ u mobbiltà, inkluż l-iskemi ta' edukazzjoni u taħriġ bħall-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA).
- (2) Il-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-ġestjoni tal-għarfien, it-tixrid u l-isfruttament tax-xjenza u t-teknoloġija nukleari, b'mod partikolari għas-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni³⁰.
- (3) Appoġġ għat-trasferiment tat-teknoloġija mir-riċerka għall-industrija.
- (4) Appoġġ għat-tħejjija u l-iżvilupp ta' kapaċità industrijali tal-fużjoni Ewropea kompetittiva.
- (5) Appoġġ għall-forniment, id-disponibbiltà u l-aċċess xieraq għal infrastrutturi tar-riċerka Ewropej u internazzjonali, inkluż l-infrastrutturi tal-JRC³¹.
- (6) Għat-trawwim tax-xjenza nukleari bħala bażi ta' appoġġ għall-istandardizzazzjoni, l-azzjonijiet diretti ser jipprovdu data, materjali u kejl ta' referenza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku relatati mas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, kif ukoll applikazzjonijiet oħrajn bħall-mediċina nukleari.

³⁰ Riżerva ta' skrutinju: AT, LU.

³¹ Abbażi tal-pjan ta' investiment rikorrenti għall-infrastrutturi tal-JRC.

(c) *Trawwim tal-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni u kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni*

Sħubija Ewropea Kofinanzjata fir-riċerka dwar il-fużjoni ser timplimenta l-pjan direzzjonali lejn il-mira tal-produzzjoni tal-elettriku mill-fużjoni sat-tieni nofs ta' dan is-seklu. Dan jista' jinkludi, fost l-oħrajn:

- (1) Sfruttament tal-faċilitajiet tal-fużjoni eżistenti u futuri, inkluż l-allokazzjoni ta' għotjiet operattivi għal infrastrutturi tar-riċerka dwar il-fużjoni meta jkun xieraq.
- (2) It-tħejjija għal impjanti tal-enerġija mill-fużjoni futuri permezz tal-iżvilupp tal-aspetti kollha rilevanti inkluż il-materjali, it-teknoloġiji u d-disinji.
- (3) L-implimentazzjoni ta' programm ta' edukazzjoni u taħriġ iffokat flimkien mal-attivitajiet skont (b)(1).
- (4) Koordinazzjoni tal-attivitajiet komuni mal-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija.
- (5) Kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni ITER.
- (6) Kollaborazzjoni xjentifika fil-qafas tal-ftehimiet internazzjonali tal-Euratom.

Is-Sħubija Ewropea Kofinanzjata fil-fużjoni ser tiġi implimentata permezz ta' għotja li ser tingħata lill-entitajiet legali stabbiliti jew maħtura mill-Istati Membri u kwalunkwe pajjiż terz assoċjat mal-Programm Euratom. L-għotja tista' tinkludi riżorsi in natura mill-Komunità, jew l-issekondar ta' persunal tal-Kummissjoni.

(d) *Appoġġ għall-politika tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari*

L-azzjonijiet diretti ser jappoġġaw lill-politika dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti billi jipprovdu evidenza u għarfien espert xjentifiċi u tekniċi indipendenti.

Indikaturi Ewlenin tal-Mogħdijiet ta' Impatt

Il-mogħdijiet ta' impatt, u indikaturi ewlenin tal-mogħdijiet ta' impatt relatati, għandhom jirristrukturaw il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Programm Euratom lejn l-oġġettivi speċifiċi tiegħu. Il-mogħdijiet tal-impatt huma sensittivi għaż-żmien: dawn ser jiddistingwu bejn dak li hu fuq perijodu ta' żmien qasir, medju u twil. L-indikaturi tal-mogħdijiet ta' impatt iservu ta' indikaturi li jirrapportaw dwar il-progress li sar lejn il-kisba ta' oġġettivi speċifiċi. Id-data mikro fl-isfond tal-indikaturi ewlenin tal-mogħdijiet ta' impatt, li hija kondiviża ma' Orizzont Ewropa, ser tinġabar b'mod ġestit u armonizzat ċentralment, b'piż ta' rapportar minimu fuq il-benefiċjarji. L-indikaturi tal-mogħdijiet ta' impatt jistgħu jiġu rfinuti matul l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom.

Indikaturi xjentifiċi tal-mogħdijiet ta' impatt

Il-Programm Euratom huwa mistenni li jagħmel progress fir-rigward tal-għarfien għar-rinforz tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari; l-applikazzjonijiet sikuri tar-radjazzjoni jonizzanti; il-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv; il-protezzjoni mir-radjazzjoni; u l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni. Il-progress f'dan il-qasam ser jitkejjel permezz ta' indikaturi li jikkonċernaw il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali dwar il-fużjoni, l-iżvilupp tal-għarfien espert u l-ħiliet, u l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka.

Lejn impatti xjentifiċi	Fuq perijodu ta' żmien qasir	Fuq perijodu ta' żmien medju	Fuq perijodu ta' żmien itwal
Titjib tal-użu sigur u mingħajr periklu tal-enerġija nukleari u l-applikazzjonijiet mhux ta' enerġija elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà, u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar.	<u>Pubblikazzjonijiet</u> – għadd ta' publikazzjonijiet xjentifiċi ta' Euratom riveduti bejn il-pari	<u>Kwotazzjonijiet</u> - Field-Weighted Citation Index tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi ta' Euratom riveduti bejn il-pari	<u>Xjenza ta' livell dinji</u> - Għadd u sehem ta' publikazzjonijiet riveduti bejn il-pari mill-programm Euratom li huma kontribuzzjoni ewlenija għall-oqsma xjentifiċi
	<u>Għarfien kondiviż</u> - Sehem tar-riżultati tar-riċerka (data/publikazzjoni/software eċċ. miftuħa) kondiviżi permezz ta' infrastruttura tal-għarfien miftuħa	<u>Tixrid tal-għarfien</u> - – Sehem tar-riżultati tar-riċerka tal-aċċess miftuħ użati/ikkwotati b'mod attiv	<u>Kollaborazzjonijiet ġodda</u> - Sehem tal-benefiċjarji tal-Euratom li jkunu żviluppaw kollaborazzjonijiet transdixxiplinarji/transsetorjali ġodda mal-utenti tar-riżultati tar-R&I miftuħa tal-Euratom tagħhom
Trawwim tal-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni	<u>Progress fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali dwar il-fużjoni</u> – Il-perċentwal tal-passi importanti fil-pjan direzzjonali dwar il-fużjoni stabbilit għall-perijodu 2021-2025 li ntlaħqu mill-programm Euratom		
Żamma u żvilupp ulterjuri tal-għarfien espert u l-eċċellenza fl-Unjoni	<u>Ħiliet</u> - Għadd ta' riċerkaturi li bbenefikaw minn attivitajiet ta' titjib tal-ħiliet tal-programm Euratom (permezz ta' taħriġ, mobbiltà u aċċess għall-infrastruttura)	<u>Karrieri</u> - Għadd u sehem ta' riċerkaturi li tejbu ħiliethom li għandhom influwenza ikbar fil-qasam tar-R&I tagħhom	<u>Kundizzjonijiet tax-xogħol</u> - Għadd u sehem ta' riċerkaturi li tejbu ħiliethom li għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba
	L-għadd ta' riċerkaturi li għandhom aċċess għall-infrastruttura tar-riċerka permezz ta' programm ta' appoġġ		
	Il-materjali ta' referenza mwassla u l-miżuri ta' referenza inkorporati f'librerija		Għadd ta' standards internazzjonali modifikati

Indikaturi tas-soċjetà tal-mogħdijiet ta' impatt

Il-Programm Euratom jgħin biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ta' politika tal-UE li jikkonċernaw is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-applikazzjonijiet tar-radjazzjoni jonizzanti permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif muri mill-portafolli ta' proġetti li jiġġeneraw riżultati li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi f'dawn l-oqsma. L-impatt tas-soċjetà jitkejjel ukoll f'termini ta' żvilupp speċifiku fil-qasam tas-sigurtà u s-salvagwardji nukleari.

Lejn impatti tas-soċjetà	Fuq perijodu ta' żmien qasir	Fuq perijodu ta' żmien medju	Fuq perijodu ta' żmien itwal
Titjib tal-użu sigur u mingħajr periklu tal-enerġija nukleari u l-applikazzjonijiet mhux ta' enerġija elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar	<u>Riżultati</u> - Għadd u sehem ta' riżultati immirati li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi tal-politika tal-UE	<u>Soluzzjonijiet</u> - Għadd u sehem ta' innovazzjonijiet u riżultati xjentifiċi li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi tal-politika tal-UE	<u>Benefiċċji</u> - Effetti stmati aggregati mill-użu ta' riżultati ffinanzjati minn Euratom, dwar l-indirizzar ta' prijoritajiet ta' politika speċifiċi tal-UE, inkluż kontribuzzjoni għaċ-ċiklu tal-politika u tat-tfassil tal-liġijiet
	Għadd ta' servizzi mogħtija b'appoġġ għas-salvagwardji fl-UE		Għadd ta' sistemi tekniċi forniti u li qed jintużaw
	Għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ mogħtija lill-uffiċjali l-aktar esposti		
	<u>Koħolqien</u> - Għadd u sehem ta' proġetti Euratom fejn iċ-ċittadini tal-UE u l-utenti aħħarin jikkontribwixxu għall-koħolqien tal-kontenut tar-R&I	<u>Involvement</u> - Għadd u sehem ta' entitajiet benefiċjarji ta' Euratom li għandhom mekkaniżmi ta' involviment taċ-ċittadini u l-utenti aħħarin wara proġett Euratom	<u>Użu mis-soċjetà tar-R&I</u> Użu u tixrid ta' riżultati xjentifiċi u soluzzjonijiet innovattivi ta' Euratom li nħolqu flimkien

Indikaturi tal-innovazzjoni tal-mogħdijiet ta' impatt

Il-Programm Euratom huwa mistenni li jikseb impatti ta' innovazzjoni li jappoġġaw il-progress lejn l-oġġettivi speċifiċi tiegħu. Il-progress f'dan il-qasam ser jitkejjel minn indikaturi li jikkonċernaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR), prodotti, metodi u proċessi innovattivi u l-użu tagħhom, flimkien mal-ħolqien tal-impjiegi.

Lejn impatt ekonomiku / tal-innovazzjoni	Fuq perijodu ta' żmien qasir	Fuq perijodu ta' żmien medju	Fuq perijodu ta' żmien itwal
Titjib tal-użu sigur u mingħajr periklu tal-enerġija nukleari u l-applikazzjonijiet mhux ta' enerġija elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar Trawwim tal-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni Żamma u żvilupp ulterjuri tal-ġharfien espert u l-eċċellenza fl-Unjoni	<u>Riżultati innovattivi -</u> Għadd ta' prodotti, proċessi jew metodi innovattivi mill-programm Euratom (skont it-tip ta' innovazzjoni) u applikazzjonijiet tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali (IPR)	<u>Innovazzjonijiet –</u> Għadd ta' innovazzjonijiet mill-proġetti Euratom (skont it-tip ta' innovazzjoni) inkluż mill-IPR mogħtija	<u>Tkabbir ekonomiku -</u> Ħolqien, tkabbir u sehem mis-suq ta' kumpanniji li żviluppaw innovazzjonijiet iffinanzjati minn Euratom
	<u>Impjiegi appoġġati –</u> Għadd ta' impjiegi ekwivalenti għall-full time (FTE) maħluqa u impjiegi miżmuma fl-entitajiet tal-benefiċjarji għall-proġett Euratom (skont it-tip ta' impjieg)	<u>Impjiegi sostnuti –</u> Żieda fl-impjiegi FTE fl-entitajiet tal-benefiċjarji wara proġett Euratom (skont it-tip ta' impjieg)	<u>Total tal-impjiegi -</u> Għadd ta' impjiegi diretti u indiretti maħluqa jew miżmuma minħabba t-tixrid tar-riżultati ta' Euratom (skont it-tip ta' impjieg)
	Ammont ta' investiment pubbliku u privat mobilizzat permezz tal-investiment Euratom inizjali	Ammont ta' investiment pubbliku u privat mobilizzat permezz ta' sfruttament jew titjib tar-riżultati ta' Euratom	Progress tal-UE lejn 3 % ta' PDG dovut għall-programm Euratom

Indikaturi ta' politika tal-mogħdijiet ta' impatt

Il-Programm Euratom jipprovdi evidenza xjentifika għat-tfassil tal-politika. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-appoġġ xjentifiku għal servizzi tal-Kummissjoni oħrajn, bħall-appoġġ għas-salvagwardji Euratom, jew għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttivi relatati mal-qasam nukleari u dak tar-radjazzjoni jonizzanti³².

Lejn impatt tal-politika	Fuq perijodu ta' żmien qasir	Fuq perijodu ta' żmien medju	Fuq perijodu ta' żmien itwal
Appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari	Għadd u sehem ta' proġetti Euratom li jipproduċu sejbiet rilevanti għall-politika	Għadd ta' riżultati li għandhom impatt li jidher fuq il-politika tal-UE	Għadd u sehem ta' sejbiet ta' proġetti Euratom ikkwotati f'dokumenti ta' politika/programmatiċi

Il-miri ser jiġu definiti kemm għal azzjonijiet indiretti kif ukoll diretti biex jirriflettur-riżultati mistennija għal kull parti tal-programm.

³² Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari; Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv; u Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom.